MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 15/2013

Kawza fil-lista: 35

**B A**
**Vs**
**C sive D A**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fit-18 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu qed tintalab *inter alia* s-separazzjoni personali;

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba ipprezentati mill-konvenuta fil-15 ta' April 2013;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba ipprezentata fit-2 ta' Mejju 2013;

Semghat lill-Avukati tal-partijiet f'udjenza tat-23 ta' Mejju 2013 jittrattaw l-eccezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat illi taqra hekk:-

"1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ir-rikors guramentat rikonvenzjonali tal-intimata huwa null stante illi jonqos milli jissodisfa d-dispost tal-Artikolu 156 (1) (d) u 398 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-imsemmija eccezzjoni preliminari.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 156 (1) (d) tal-Kap.12** jipprovdi illi:-

*156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*- omissis -*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi*
*biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan irrikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid filkawża.".*

***Artkolu 398**. (1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.*

*(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-*

*regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.*

*(3) Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha; u f 'kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta' dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.*

*401. Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista' dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi*.

L-attur rikonvenzjonat jikkontendi illi kontro-talba ghandha jkollha stampat, *ad validitatem*, it-twissija stipulata fl-Artikolu 156 (1) (d) tal-Kap 12. Jirrizulta *ictu oculi* illi l-kontro-talba tal-konvenut m'ghandiex stampat tali avviz. Il-konvenuta mill-banda l-ohra tikkontendi illi tali avviz mhux mehtieg *ad validitatem* fuq kontro-talba.

Ikkonsidrat;

L-eccezzjoni in dizamina qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi b'rizultat tal-assenza tal-imsemmi avviz, il-kontro-talba tal-konvenuta hija nulla u per konsegwenza l-Qorti m'ghandiex tiehu konjizzjoni taghha. Fi kliem iehor, il-kontro-talba tal-konvenuta ma tibqax tifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** intitolat "Eccezzjoni ta' nullita' ta' atti gudizzjarji" jipprovdi illi:-

**789. "*(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –***

***(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;***
***(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;***
***(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;***
***(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:***

***Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.***

***(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.***"

Il-Qrati nostrani gia' kellhom okkazzjoni jittrattaw tali eccezzjoni fir-rigward ta' kontro-talba.

Dwar eccezzjoni identika ghal dik in dizamina inghad hekk:-

"It-tieni ecczzjoni hija msejsa fuq l-art. 156(1)(*d*) li jrid illi fuq l-att taħt l-isem tal-qorti jingħata l-avviż li min jireievi t-twegiba b'rikonvenzjoni għandu jkellem avukat biex iwiegeb fi żmien għoxrin jum min-notifika.

Tassew illi f'dan il-każ l-att huwa "nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament meħtiega mil-ligi", u għalhekk tista' tingħata l-eccezzjoni tan-nullita tiegħu taħt l-art. 789(1)(*d*) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Madankollu, fil-każ tallum, li tintlaqa' l-eccezzjoni ta' nullita jkun rimedju sproporzjonat, kemm fid-dawl ta' dak li jgħid il-*proviso* għall-istess art. 789(1) u kif ukoll għax l-atturi wiegbu fiż-żmien li tagħtihom

il-ligi u ma sofrew ebda pregudizzju minħabba n-nuqqas tal-avviż li l-ligi trid jingħatalhom." ("**Avukat Mark Refalo nomine vs. George Borg et**", Prim Awla, Qorti Civili – 10 ta' Mejju 2011).

Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni milhuqa fis-sentenza appena citata sew f'dak li jirrigwarda il-htiega tal-avviz in dizamina fuq kontro-talba sew f'dak li jirrigwarda l-konsiderazzjoni fir-rigward jekk ghandux jigi applikat ir-rimedju estrem tan-nullita' meta in-nuqqas ma jkun holoq l-ebda pregudizzju lill-attur rikonvenzjonat. Jirrizulta bhala fatt illi fil-kawza odjerna l-attur ipprezenta r-risposta guramentata tieghu ghall-kontro talba entro t-terminu ta' ghoxrien jum.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat u tordna l-prosegwiment tat-trattazzjoni sew tal-azzjoni attrici kif ukoll tal-azzjoni rikonvenzjonali.

Spejjez rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------